

Konvenuta: Generální ředitelství cel

Dispożittiv

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1101/2014 tas-16 ta' Ottubru 2014, għandha tiġi interpretata fis-sens li partijiet tal-azzar iwweldjati bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom jiġu kklassifikati, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju tal-informazzjoni fattwali kollha quddiemha, fl-intestatura 7307 tan-Nomenklatura Magħquda, bħala "tagħmir ta' tubi u pajpijiet".

(¹) ĠU C 240, 9.7.2018.

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2018 minn FCA US LLC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali
(Is-Sitt) fit-18 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-109/17 — FCA US vs EUIPO — Busbridge**

(Kawża C-795/18)

(2019/C 255/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: FCA US LLC (rappreżentant: C. Morcom QC)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-20 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li l-appell kien ammissibbli.

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2018 minn Saga Furs Oyj mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali
(It-Tielet Awla) fit-12 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-313/18 — Saga Furs vs EUIPO — Support Design**

(Kawża C-805/18 P)

(2019/C 255/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Saga Furs Oyj (rappreżentanti: J. Kaulo, luvan saanut oikeudenkäyntiavustaja)